**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 25 ta' Marzu 2025**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1169/2024 JVC**

**Mediterranean Aviation Company Limited (C4145)**

**vs**

**Dr Mary Muscat u l-PL Gillian Muscat permezz tad-19 ta' Novembru 2024 gew nominati**

**kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw is-socjeta' estera Congo Airways SA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' Mediterranean Aviation Company Limited (C4145) originarjament prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi s-socjeta' rikorrenti hija socjeta' stabbilita' hawn Malta u toffri servizzi ta' manutenzjoni fuq l-arjuplani.

2. Illi fit-13 ta' Mejju 2023, is-socjeta' rikorrenti dahlet f'*Maintenance Agreement* ma' socjeta' estera Congo Airways SA, sabiex thejji manutenzjoni fuq ajruplan propjeta' tal-istess socjeta' Congo Airways SA, tat-tip Bombardier DHC8-402 reġistrat il-Congo (*National Agency of the Civil Aviation of Congo*) bis-*serial* numru 4329 u bin-numru tar-reġistrazzjoni 9S-AAN (l-"Ajruplan"). (Dok A-002)

3. Illi saru diversi xogholijiet fuq l-Ajruplan, inkluz tibdil ta' parts.

4. Illi minkejja illi s-socjeta' rikorrenti qdit l-obbligi taghha hija baqalha tithallas tax-xoghol illi ghamlet.

5. Illi l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti sallum jammonta ghal USD421,893.90 ekwivalenti ghal €389,769.13, kollox skond ma jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok A-003.

6. Illi s-socjeta' Congo Airways SA naqset milli tonora l-obbligi taghha ai termini tal-*Maintenance Agreement* u minkejja illi giet interpellata sabiex tissalda d-debitu taghha hija baqghet inadempjenti.

7. Illi d-debitu huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-esponenti l-intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Niddikjara li dawn il-fatti naf bihom personalment

9. Jgħidu għalhekk l-intimati għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

   (i) taqta' u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.u ċjoè bid-dispensa tas-smigħ;
   (ii) tiddikjara illi s-socjeta' Congo Airways SA hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' USD421,893.90 ekwivalenti ghal €389,769.13, jew somma verjuri li għandha tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' periti nominandi;

(iii)tordna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata; kollox skond kif ġie dikjarat aktar 'l fuq u għar-raġunijiet premessi.

Bl-imgħaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-preżenti, kontra l-intimati li minn issa jibqaw inġunti għas-subizzjoni tagħhom.'

Rat illi fil-verbal taghha tas-26 ta' Novembru 2024 din il-Qorti wara li rat li din il-kawza giet prezentata ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 izda saret fil-konfront ta' Kuraturi Deputati sabiex jipprezentaw lis-socjeta' intimata, f'dak l-istadju cahdet l-ewwel talba tar-rikorrenti u ordnat in-notifika tar-rikors guramentat lill-intimati bi zmien 20 jum ghar-risposta.

Rat id-digriet tan-nomina tal-kuraturi deputati Avukat Dr Mary Muscat u l-PL Gillian Muscat a fol 21 tal-process.

Rat li l-kuraturi deputati gew debitament notifikati fi 17 ta' Frar 2025, izda ma giet prezentata ebda risposta fit-terminu moghti lilhom b'dana li l-intimata qed tigi dikjarata kontumaci.

Is-socjeta' rikorrenti ddikjarat il-provi taghha maghluqa u talbet li r-rikors imur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha fil-process.

**Konsiderazzjoni**

Illi fil-mertu l-Qorti rat l-affidavit ta' Paul Cauchi a fol 4 tal-process illi fih jispjega bil-gurament kif l-ammont ta' €389,769.13 huwa

dovut lis-socjeta' rikorrenti ghal servizzi ta' *maintenance* skont *maintenance agreement* datat 13 ta' Mejju 2023.

Rat l-istess *maintenance agreement* li kopja tieghu hija esebita a fol 5 et seq tal-process.

Rat l-affidavit ta' Christopher Brincat a fol 38 tal-process li jahdem mas-socjeta' rikorrenti bhala *Head of Finance* li huwa wkoll jikkonferma li s-socjeta' rikorrenti ghadha dovuta l-ammont indikat fir-rikors guramentat.

Rat ukoll l-affidavit ta' Christopher Farrugia a fol 40 tal-process *Accountable Manager* fil-*Maintenance Department* tal-kumpanija li jikkonferma l-iffirmar tal-*maintenance agreement* u x-xoghol li sar fuq l-ajruplan tas-socjeta' intimata li dahal fil-*hangar* ta' Hal-Safi nhar il-21 ta' Lulju 2023 u spjega wkoll li kif l-ajruplan in kwistjoni finalment spicca nbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti fuq talba ta' kreditur iehor tas-socjeta' intimata.

Illi in vista tal-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti giet sufficjentament pruvata sal-grad rikjest mil-ligi w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata billi giet michuda;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara illi s-socjeta' Congo Airways SA hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' USD 421,893.90 ekwivalenti ghal €389,769.13;

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna lis-socjeta' intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata, bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kif mitluba.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Marzu 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Marzu 2025**